MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru 771/2007

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

Vs

Kenneth Tanti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 289390(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Settembru 2007, f'xi hin bejn is-saghtejn (02.00hrs) u s-saghtejn u nofs (02.30hrs) ta' filghodu, gewwa Triq Santa Rita u Triq San Gorg San Gijan u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravissima fil-gisem ta' Keith Vassallo;

2. Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat l-artikli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghatt lura lil din il-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex din l-istess Qorti tiddeciedi fuq il-htija jew altrimenti tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Ai termini tar-rinvinji tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita gravi skond l-Artikolu 216 u 218 tal-Kap. 9. Huwa wkoll akkuzat bl-offiza kontrovenzjonali tal-ksur tal-paci pubblika.

Ghal dawn l-offizi l-imputat irregistra ammissjoni li insista fuqa anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante din l-ammisjoni volontarja u irrikondizjonata l-Qorti wara li rat l-Artikolu 216, 218, 338 (dd) u 37 tal-Kap. 9 tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal tlett xhur mil-lum oltre li tikkundannah Lm10 ammenda.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------